Nru. 510

## ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

**Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp**

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

**Akkwadott f'Ħal Balzan**

(ara l-pjanta f'paġna 6010) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku ħekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

No. 510

## EMERGENCY CONSERVATION ORDER

**Section 47 of the Development Planning Act 1992**

THE Planning Authority believes that the following property, namely

**Aqueduct at Balzan**

(see site plan on page 6010) could be of historical and architectural value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Ma jista' jitneħħa, jiċċaqlaq, jinqala', jew jinxteħet ebda ġebel, trab jew ħamrija. M'għandux jitpoġġa konkos f'kuntatt ma' l-Akkwadott.

(ii) Ma jista jitwaħħal u jinżeba' xejn ma' l-Akkwadott.

(iii) Ma jistgħux jgħaddu jew jipparkjaw karozzi jew xi vetturi oħra minn jew fuq dik l-*area*.

(iv) Il-mogħdija ta' kanali jew *cables* taħt l-art u twaqqif ta' arbli f'dik l-*area* jkunu jeħtieġu minn qabel il-permess ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar.

(v) It-twaħħil ta' siġar jew arbuxxelli f'dik l-*area* jkun jeħtieġ minn qabel il-permess ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar li taġixxi f'konsultazzjoni mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

(vi) Ebda żvilupp li jista' jkun ta' ħsara għall-Akkwadott ma jitħalla jsir f'dik l-*area*.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-29 ta' Lulju, 1994

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) The removal, displacement, dislodgement or deposition of any stones or soil is prohibited. No concrete is to be deposited in contact with the Aqueduct.

(ii) Nothing is to be affixed or painted onto the Aqueduct.

(iii) The passage or parking of cars or any other vehicle over the area is prohibited.

(iv) The passing of any underground ductwork or cables and the erection of any poles in the area must have the prior permission of the Planning Authority.


(v) The planting of any tree or shrub in the area must have the prior permission of the Planning Authority acting in consultation with the Agriculture Department.

(vi) No development which will adversely affect the Aqueduct will be allowed in the area.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

29th July, 1994


AQUEDUCT / BALZAN
SURVEY SHEET 5072
SCALE : 1:4000.
N
TRIQ L-IMDINA
VJAL IL-BON PASTUR
VJAL SIR REFALO